

**Talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Birgit Collin-Langen**

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Birgit Collin-Langen (2012/2128(IMM))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Birgit Collin-Langen, mgħoddija fis-27 ta' April 2012 mill-Prosekutur Anzjan f'Koblenz (il-Ġermanja), b'konnessjoni ma' azzjoni legali rigward offiża allegata u li tħabbret fis-sessjoni plenarja fl-14 ta' Ġunju 2012,
  - wara li sema' lil Birgit Collin-Langen skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 rigward l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew permezz ta' suffraġju universali dirett,
  - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 46 tal-Liġi Bażika Ġermaniża (*Grundgesetz*),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0229/2012),
- A. billi l-Prosekutur Prinċipali talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Birgit Collin-Langen, b'konnessjoni ma' azzjoni legali rigward offiża allegata;
- B. billi t-talba mill-Prosekutur Prinċipali tirreferi għal proċedimenti rigward offiża allegata taħt is-Sezzjoni 331 tal-Kodiċi Kriminali Ġermaniż li jiddikjara li “uffiċjal pubbliku jew persuna fdata b'funzjonijiet ta' servizz pubbliku speċjali li titlob, tħalli lilha nnifisha tiġi mwiegħda jew taċċetta benefiċċju għaliha jew għal terza persuna għall-għoti ta' komputu uffiċjali tista' teħel ħabs għal tul ta' żmien li ma jaqbix tliet snin jew multa”;
- C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-Membri tal-Parlament;

---

<sup>1</sup> Il-Kawża 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] Ġabra 195, il-Kawża 149/85 *Wybot v Faure u oħrajn* [1986] Ġabra 2391, il-Kawża T-345/05 *Mote v Parlament* [2008] Ġabra II-2849, Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 *Marra v De Gregorio u Clemente* [2008] Ġabra I-7929, Kawża T-42/06 *Gollnisch v Parlament* (għadha mhix ippubblikata fil-Ġabra) u l-Kawża C-163/10 *Patriciello* (għadha mhix ippubblikata fil-Ġabra).

- D. billi, taħt l-Artikolu 46(2) tal-Liġi Bażika Ġermaniża (*Grundgesetz*), Membru ma jistax jinżamm responsabbli għal offiża punibbli mingħajr il-permess tal-Parlament sakemm ma jinqabadx fil-fatt waqt li jkun qed jikkommetti offiża jew matul il-jum ta' wara;
  - E. billi, konsegwentement, il-Parlament għandu jneħħi l-immunità Parlamentari ta' Birgit Collin-Langen jekk il-proċedimenti kontriha għandhom ikomplu sejrjn;
  - F. billi Birgit Collin-Langen instemgħet mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, fejn talbet għal konklużjoni malajr ta' din il-kwistjoni u ddikjarat li l-immunità tagħha għandha titneħħa;
  - G. billi, jekk f'każ partikolari immunità għandhiex titneħħa jew le għandu jiġi deċiż mill-Parlament biss; billi l-parlament jista' b'mod raġonevoli jikkunsidra l-pożizzjoni ta' Membru meta jasal għal deċiżjoni biex ineħħi jew ma jneħħix l-immunità tiegħu jew tagħha<sup>1</sup>;
  - H. billi Birgit Collin-Langen ilha Membru tal-Parlament Ewropew mis-17 ta' Marzu 2012;
  - I. billi l-fatti tal-każ imorru lura għall-2006-2008 u, kif intwera fis-sottomissjonijiet lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, l-attivitajiet allegati ma' għandhomx konnessjoni diretta u ovvja mal-prestazzjoni ta' Birgit Collin-Langen fid-dmirijiet tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
  - J. billi Birgit Collin-Langen, għalhekk, ma kinitx qed taġixxi fil-qadi ta' dmirijietha bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
  - K. billi l-fatti spjegati fin-nota spjegattiva ma jikkostitwixxux każ ta' *fumus persecutionis*;
1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Birgit Collin-Langen;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Federali Ġermaniża u lil Birgit Collin-Langen.

---

<sup>1</sup> Il-Kawża T-345/05 *Mote v Parlament* [2008] Ġabra II-2849, par. 28.